**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum, 24 ta' Jannar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Supretendent Maurice Curmi)**

**vs**

**Antoine Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Antoine Borg detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 68382M,

Akkuzat talli fil-15 ta' Jannar, 2017 ghall-habta tad-disa' ta' bil-lejl (21:00hrs) u ftit qabel, minn sit taht kostruzzjoni maghruf bhala L.J.E Complex sitwat fi Triq il-Fortizza Mosta, ikkommetta serq ta' magna li taqta' l-gebel u ghodod ohra li jintuzaw fil-kostruzzjoni ghad-detriment ta' Stefan Falzon detentur tal-karta tal-identita' numru 184378M, u tas-socjeta Attard

Brother Co. Ltd, (C-3599) rispettivament, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe' cirka €3,753, u bil-hin, ai termini tal-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija xjentement f' Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat jew, xjentement b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxuhom, u cioe' magna li taqta' l-gebel u ghodod ohra li jintuzaw fil-kostruzzjoni ghad-detriment ta' Stefan Falzon detentur tal-karta tal-identita numru 184378M, u tas-socjeta Attard Brothers Co. Ltd, rispettivament, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe' cirka €3,753, u bil-hin, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi taz-zmien u lok kiser il-provvediment tas-sentenza sospiza imposta fuqu bis-sentenza tal-4 t' Ottubru, 2016 moghtija mill-Magistrat Dr Josette Demicoli;

Aktar talli sar recidiv b' sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tal-20 t' Ottubru 2017 (inserita a fol. 140 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 263(a), 264, 267, 279(b), 270, 278, 280 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-25 t' Ottubru 2017 l-imputatwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jitrattaw allegat serq ta' stone cutter u ghodod u ricettazzjoni. Fis-16 ta' Jannar 2017 Stefan Falzon irraporta fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta serq ta' stone cutter (Dok. MC8) li kienet tappartjeni lilu u ghodda ta' Attard Brothers Limited minn LJE Complex fi Triq il-Fortizza, il-Mosta. Stefan Falzon xehed fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2017 (a fol 48 sa 52 tal-atti processwali) li l-magna tal-gebel li nsterqitlu kienet tiswa €2,950 skont l-ircevuta esebita bhala Dok. SF1 (a fol 53 tal-atti processwali). Ix-xhud lemah CCTV camera ta' pompa tal-petrol fil-vicin u gab kopja tal-CCTV footage.  Mill-filmati rrizultalu li l-magna ingibdet b' vettura tal-ghamla Transit.  Minkejja li n-numru ta' registrazzjoni ma kienx vizibbli gharaf il-van ghaliex kien ikun ipparkjat fi Triq il-Wied, il-Mosta darbtejn fil-gimgha izda ma jafx min kien is-sid tal-van. Huwa gharaf il-van ghaliex ghandu carrier 'il fuq mill-kabina partikolari. Fl-istess udjenza xehed Nazzareno Attard (a fol 55 sa 57 tal-atti processwali) li qal li huwa mpjegat bhala foreman ma' Attard Brothers Limited. Fis-16 ta' Jannar 2017 mar fuq is-sit fejn kien qieghed jahdem u sab ix-xatba sgassata u l-container fejn kien izomm l-ghodda sgassat. Fost l-ghodda misruqa kien hemm siment, pali, fisien, ktajjen u ghodda zghira ohra bil-valur kumplessiv ta' €650.

Illi fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2017 xehdet WPS 245 Christina Delia (a fol 37 sa 42 tal-atti processwali) fejn spjegat li Stefan Falzon kien infurmaha li kien jaf b' zewg vannijiet simili ghal dak li jidhru fis-CCTV footage, wiehed minnhom tal-imputat u l-iehor kien jinsab f'garaxx il-Maghtab. Fil-11 ta' Frar 2017 il-vann tal-imputat gie ttowjat ghaliex kien ipparkjat illegalment gewwa Triq il-Palma, Paola.  Meta l-vann gie spezzjonat fit-

12 ta' Frar 2017 irrizulta li fuq in-naha ta' quddiem kellu hsarat li kienu jidhru simili ta' dawk li kienu jidhru fil-filmat tas-serqa u fuq il-kaxxa kellu tliet marki, bhal toqob, bil-burdura sewda bhal ma dehru fuq il-filmat. Meta x-xhud tkellmet mal-imputat huwa stqarr li seta' kien persuna ohra li kien qed juza l-vann tieghu, certu Patrick Cassar izda sussegwentement qal li ma setax kien Patrick. Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat instabu diversi ghodod zghar u giet elevata gakketta ta' kulur blu skur bil-kmien ta' kulur car griz bl-abjad (Dok. MC5). In kontro-ezami fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2018 (a fol 166 sa 181 tal-atti processwali) l-istess xhud xehdet li l-Pulizija ma kelliex dettalji tal-vann li kien jinsab il-Maghtab. L-imputat kien stqarr maghha li l-vann kien jinsab ipparkjat hazin ghaliex kellu xi hsarat, ma setghax jinstaq u kien ser imur il-mechanic jirrangah.

Illi l-Ispettur Maurice Curmi xehed in kontro-ezami fl-udjenza tad-19 ta' Dicembru 2017 (a fol 143 sa 161 tal-atti processwali) u kkonferma li l-persuna li tathom il-filmat – Stephen Falzon – issuspetta li l-vann kien tal-imputat minkejja li ma kienx jaf in-numru tar-registrazzjoni ghaliex ma tantx kien hawn minn dawk it-tip ta' vannijiet fit-triq. Huwa izda qal ukoll li ma kienx ivverifika mal-Awtorita ghat-Trasport f' Malta biex jara kemm -il vettura kien hawn bhal dik tal-imputat izda sotna wkoll li meta l-imputat gie muri l-filmat tac-cctv footage huwa kien qal li l-vann kien tieghu. Mill-filmat jidher li fis-serqa kien hemm zewg persuni. Wiehed kien liebes flokk bhal ma gie elevat fir-residenza tal-imputat (Dok. AD1) izda l-persuna l-ohra ma gietx identifikata. Minkejja t-tfittxija li saret l-oggetti misruqa ma nstabux u lanqas ma nstabu oggetti fil-pussess tal-imputat ai fini ta' sgass. L-Ispettur Curmi spjega li l-imputat ghandu hafna proprjetajiet li l-Pulizija ma setghatx tistabilixxi fejn kienu sabiex issir

tfittxija fihom. Peress li l-imputat ma semmiex lil Stephen Cassar fl-istqarrija tieghu, din il-persuna qatt ma tkellmet.

Illi fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2017 xehed Stephen Cachia in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta (a fol 74 tal-atti processwali) li kkonferma li l-vettura Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni GBJ 295 tinsab registrata fuq l-imputat u ilha hekk registrata sa mid-9 ta' Frar 2015.

Illi fl-udjenza tal-5 ta' April 2019 xehdet Ruth Dingli (a fol 195 sa 206 tal-atti processwali). Spjegat li hija l-partner tal-imputat u Patrick Cassar huwa l-gharus t' ohtha u ilu jahdem mal-imputat sa mis-sena 2016 bhala bennej. Fl-ahhar ta' Dicembru 2016 l-imputat kien ghamel operazzjoni f' subghajh u ghamel hmistax –il gurnata l-Isptar u l-pozizzjoni tieghu kienet hazina izda x-xoghol kien baqa' ghaddej minn Patrick Cassar. F' dan il-perjodu l-imputat ma kienx qieghed imur ghax-xoghol u meta beda jmur ix-xoghol kien jghaddi ghalih Patrick Cassar bil-vann tal-imputat. Wara x-xoghol, Patrick Cassar kien iwassal lura lill-imputat u kien jinzel bil-vann id-dar tieghu il-Qawra. Meta l-imputat gie nfurmat bis-serqa li saret bil-vann, ix-xhud Ruth Dingli tghid li l-imputat u hi ikkonfrontaw lil Patrick Cassar u dan beda jiddiehaq bihom. Ix-xhud spjegat li meta rat il-filmat tas-serqa giet f' dubju li l-van huwa tal-imputat u bdiet tiehu ritratti ta' vetturi simili li jinsabu esebiti a fol 162 tal-atti processwali bhala JG1 sa JG3. Fid-9 ta' Awwissu 2018 sar rapport mix-xhud u mill-imputat dwar serqa ta' ghodda u affarijiet tad-diving mill-villegatura ta' missier l-imputat. Huma ssuspettaw f' Patrick Cassar ghaliex parti mill-affarijiet tad-diving tpoggew ghal bejgh fuq il-Facebook ta' oht ix-xhud, Marlene Dingli. Ruth Dingli qalet ukoll li Patrick Cassar tkecca minn xogholu madwar xahrejn

wara li sehhet is-serqa. Spjegat li Patrick Cassar kien jiehu nteress partikolari f' dawn il-proceduri u baqa' jiehu nteress u jcempel sa dakinhar li tat ix-xhieda taghha.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f' dawn il-proceduri izda rrilaxxja stqarrija fit-12 ta' Frar 2017 (Dok. MC1 a fol 30 sa 32 tal-atti processwali) fejn stqarr li gharaf il-vettura tieghu mir-ritratti murija lilu ta' CCTV izda nnega li kien hu li seraq il-magna li taqta' l-gebel. Spjega li fl-14 u fil-15 ta' Jannar 2017 il-vann kien ipparkjat fi triq hdejn id-Dimple Bar il-Mosta. Dwar il-gakketta elevata mir-residenza tieghu stqarr li din kienet tinsab dejjem fil-vann fix-Xitwa.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet mertu ta' dan il-kaz jitrattaw serq u ricettazzjoni ta' stone cutter u ghodod ohra li jintuzaw fil-kostruzzjoni. L-imputat jibbaza d-difiza tieghu fuq is-segwenti:- (i) il-fatt li mill-filmat esebit ma jirrizultax li l-van huwa tal-imputat, tant li lanqas jidher in-numru ta' registrazzjoni. Id-derubat informa lill-Pulizija li kien hemm vann iehor simili ghal dak li ntuza biex insterqet l-istone cutter izda l-Prosekuzzjoni ghazlet li tikkonkludi li l-vann huwa tal-imputat (ii) in-nuqqas ta' provi sabiex jigi identifikat l-imputat fil-filmat mill-flokk misjub fir-residenza tieghu (iii) l-imputat kien gie kkundizzjonat mill-Pulizija jemmen li l-vann huwa tieghu ghaliex kien partikolari (iii) in-nuqqas ta' prova li kien l-imputat li seraq l-istone cutter.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jirrizultaw u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> "Il cosìdettoonerodellaprova, cioéilcarico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et li tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "d-dubbju jkun dak dettat mir-raguni".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension, 1974 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

> "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".

Illi dak li l-ewwel trid tistabbilixxi l-Qorti fil-kaz odjern huwa jekk jezistux provi bizzejjed li kien l-imputat li wettaq is-serqa jew li kommetta r-reat ta' ricettazzjoni. Din il-Qorti hija konvinta li l-van li jidher fis-CCTV huwa dak tal-imputat. Il-van li jidher fis-CCTV ghandu it-tlett marki fuq il-kaxxa bil-burdura sewda, inoltre l-hadid li jidher li jinsab wara tal-kabina u li jesporgi 'l fuq mill-istess kabina huwa identiku ghal dak li jidher fil-filmat. Meta wiehed iqabbel ir-ritratti esebiti bhala Dok MC6 a fol 35 tal-atti processwali ma' dawk esebiti bhala Dok. JG1 sa JG3 a fol 162 tal-atti processwali, id-differenzi bejn il-vetturi huma evidenti. Il-frame tal-hadid tal-van li jidher f' Dok. JG1 m' huwiex orizzontali bhala dak tal-imputat izda djagonali inoltre jisporgi l-barra ferm aktar minn dak tal-imputat u ghandu bumper u fanali differenti minn dak li jidher fis-CCTV. Il-frame tal-hadid tal-vann li jidher f' Dok JG2 huwa wkoll differenti minn dak li jidher mis-CCTV stante li ghandu xibka u ghandu bsaten tal-hadid. Fir-rigward tal-van immarkat fir-ritratt Dok. JG3 dan huwa tip different u m' ghandu x 'jaqsam xejn ma' dak li jidher fil-filmat.

Illi gja la darba stabbilit li l-vann li jidher fis-CCTV huwa tal-imputat, fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni din il-Qorti trid tara jekk hemmx provi bizzejjed li kien l-imputat li kkommetta s-serqa. Il-Prosekuzzjoni ssostni li

kienet irceviet informazzjoni minghand terzi li l-imputat kien wiehed mis-suspettati tas-serqa. Fil-fehma tal-Prosekuzzjoni l-imputat ghandu jinstab hati abbazi ta’ provi cirkostanzjali li huma: (i) il-van tieghu ma kienx irrapurtat nieqes, (ii) fir-residenza tieghu instab flokk li jidher identiku ghal dak li jidher fil-filmat, (iii) l-imputat jaghmel xoghol relatat mal-kostruzzjoni u (iv) fid-dawl tal-informazzjoni moghtija minn Patrick Cassar.

Illi jkun opportun li ssir referenza ghall-gurisprudenza fejn saret analizi tal-prova cirkostanzjali u l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci. Fil-kawza fl-ismijiet r-Repubblika ta’ Malta vs George Spiteri deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Lulju2002 il-Qorti qalet is-segwenti:

> “L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir- raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.”

Fil-kaz fl-ismijiet Pulizija v Paul Grech deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ April2001 intqal illi:

> “Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mirreita' ta' l-imputat.”

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Joseph Lee Borg moghtija fil-15 ta' Gunju, 1998, irriteniet li provi jew indizzju cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe` mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzju evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa jkunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ghal diversi ragunijiet. Qabel xejn il-Qorti ma tistax tistrieh fuq hearsay evidence fir-rigward tal-informazzjoni moghtija minn Patrick Cassar. Fit-tieni lok minkejja li huwa minnu li fir-residenza tal-imputat instab flokk simili ghal dak li jidher fis-CCTV, tali flokk instab madwar xahar wara li sehhet is-serqa u mhux fl-immedjat tas-serqa. Mill-istqarrija jirrizulta li fix-xitwa l-imputat kien ihalli dan il-flokk fil-van izda fil-perjodu li fih sehhet is-serqa, Ruth Dingli xehdet li fiz-zmien li fih sehhet is-serqa l-imputat ma kienx qieghed jahdem u l-vann kien qieghed jinstaq minn Patrick Cassar. Fir-rigward tar-rimanenti provi cirkostanzjali li l-vann tal-imputat ma kienx irrapurtat nieqes u li l-imputat jaghmel xoghol relatat mal-kostruzzjoni, dawn il-provi cirkostanzjali m' humiex bizzejjed sabiex inisslu konvinciment morali f' mohh din il-Qorti lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-imputat kien il-persuna li seraq l-istone cutter u l-ghodod l-ohra.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li tindika li l-imputat kien b' xi mod involut fir-ricettazzjoni tal-istone cutter u l-ghodod l-ohra misruqa.

Illi gja la darba l-imputat mhux ser jigi misjub hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu lanqas ma tista' tirrizulta htija ghat-tielet imputazzjoni dwar il-ksur tal-provvediment moghti permezz tas-sentenza sospiza tal-4 t' Ottubru, 2016 moghtija mill-Magistrat Dr Josette Demicoli.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur